MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2005

Numru 707/2005

Il-Pulizija
(Sp Dennis Theuma)
vs
Francis Vella, iben
Pacifico, imwieled Ħaż-Żebbuġ
fl-4 ta' ottubru, 1951

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fit-2 ta' diċembru, 2000 u fiż-żmien ta' qabel b'diversi azzjonijiet magħmula minnu, anki jekk fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –

1. bħala detentur tal-fond numru 71, Albatross, Triq Carini, Santa Venera jew bħala l-persuna li kellha f'idejha l-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa, ikkometta serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi

fond għad-dannu tal-Koporazzjoni Enemalta, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li hu aktar minn Lm100 iżda ma jeċċediexl-Lm1,000;
2. talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanżi għamel ħsara fil-makkinarju u fil-gumni ta' l-elettriku jew ikkaġuna telf ta' kurrent elettriku;
3. talli għamel ħsara jew għarraq xi apparat jew parti mill-meter tal-elettriku jew is-siġilli tiegħu jew xi parti minn xi apparat jew gumni wżati fil-provvista ta' l-elettriku jew is-siġilli tagħhom.
Il-Qorti ġiet mitluba tikkundanna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri odjerni skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' novembru, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u seduta stante ħallas l-ammont kollu dovut lill-Korporazzjoni Enermalta.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 267, 270, 278(1)(2)(3) u 326(1)(ċ)(f) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah li jħallas is-somma ta' Lm66.67 spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------